

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1263**tad-19 ta' Lulju 2022****li tittermina l-proċediment antisussidji li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' sistemi ta' elettrodi tal-grafit li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

1. PROCĊEDURA**1.1. Bidu ta' proċediment antisussidji**

- (1) Fl-4 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet ilment skont l-Artikolu 10 tar-Regolament bażiku imressaq minn Graphite Cova GmbH, Showa Denko Carbon Holding GmbH u Tokai ErftCarbon GmbH ("l-ilmentaturi").
- (2) Fit-18 ta' Novembru 2021, wara li kellha konsultazzjonijiet mal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fis-16 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea bdiet proċediment antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' sistemi ta' elettrodi tal-grafit li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (in-"Notifika ta' Bidu") ⁽²⁾.
- (3) Fis-6 ta' April 2022, il-Kummissjoni Ewropea imponiet dazji definittivi fi proċediment anti-dumping separat li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-istess prodott li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ⁽³⁾.

1.2. Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat

- (4) Il-perjodu ta' investigazzjoni kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-perjodu kkunsidrat kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2020.

1.3. Partijiet interessati

- (5) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna sabiex jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat speċifikament lill-ilmentaturi, lill-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet magħrufa tal-Unjoni, kif ukoll lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.
- (6) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkumentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

2. IL-PRODOTT LI QED JIĠI INVESTIGAT

- (7) Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huwa l-elettrodi tal-grafit tat-tip użati għall-fran elettriċi, b'densità apparenti ta' 1,5 g/cm³ jew aktar u b'reżistenza elettrika ta' 7,0 μ.Ω.m jew anqas, kemm jekk mgħammar b'nipples kif ukoll jekk le ("il-prodott li qed jiġi investigat").

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

⁽²⁾ Notifika ta' bidu ta' proċediment kontra s-sussidji li jirrigwarda l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafit li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 466, 18.11.2021, p. 6).

⁽³⁾ IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/558 tas-6 ta' April 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafit li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 108, 7.4.2022, p. 20).

3. IRTIRAR TAL-ILMENT

- (8) Fl-ittra tiegħu lill-Kummissjoni tad-9 ta' Mejju 2022, l-ilmentatur irtira l-ilment tiegħu.
- (9) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jista' jiġi tterminat, għajr jekk din it-terminazzjoni ma tkunx fl-interess tal-Unjoni.
- (10) L-investigazzjoni ma kienet żvelat ebda kunsiderazzjoni li turi li din it-terminazzjoni tkun tmur kontra l-interess tal-Unjoni.

4. KONKLUŻJONI U DIVULGAZZJONI

- (11) Il-Kummissjoni għalhekk ikkunsidrat li l-proċediment jenħtieġ li jiġi tterminat.
- (12) Il-partijiet interessati ġew infurmati b'dan u ġew mogħtija l-opportunità li jikkumentaw.
- (13) Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda kummenti li jwasslu għall-konklużjoni li tali terminazzjoni ma tkunx fl-interess tal-Unjoni.
- (14) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment antisussidji li jirrigwarda l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafit li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa b'dan itterminat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
